**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 3/2023 GG**

**Ic-Chairperson tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi**

**U**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**vs.**

**Kont bil-*User ID* 35650310 amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinsab fl-istess kont.**

Illum 8 ta' Lulju, 2025

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tac-Chairperson tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi u tal-Kummissarju tal-Pulizija mressaq quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Settembru, 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

Dan huwa rikors *ai termini* tal-Artikolu 43 et sequitur tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta'Malta li permezz tieghu, din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tordna l-konfiska tal-kont bil-User ID *35650310* amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinstab fl-istess kont, finnuqqas ta' kundanna.

**L-Isfond Fattwali**

Fl-20 ta' Gunju, 2020 daħal rapport fl-Ghassa ta' San Giljan fejn ġie spjegat li fis-17 ta' Gunju, 2020, il-persuna li għamet ir-rapport kienet ġiet frodata ammont ta' *cryptocurrency* (minn issa 'l quddiem, "muniti virtwali") minn fuq sistema ta' *blockchain*.

L-esponent Kummissarju tal-Pulizija investiga dan il-każ u rriżulta s-segwenti.

Fiż-żmien qabel Gunju, 2020, il-vittma kienet skopriet *website* bl-indirizz www.bitpaxosglobal.com. Din il-*website* kienet toffri servizzi ta' investiment f'muniti virtwali varji u kienet qieghda tirreklama rati gholjin ta' imghax. Il-vittma kienet imħajjra tinvesti u għalhekk investiet ammont tal-munita virtwali Bitcoin, li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal hames mija hamsa u ħamsin Dollaru Amerikan ($555.00), b'rata ta' imghax ta' sebgha fil-mija (7%) kuljum. Filfatt, wara erbgħa u ghoxrin (24) siegħa biss, il-vittma irċeviet ammont ta' Bitcoin li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal hames mija tlieta u disghin Dollaru Amerikan u erbgha u tmenin ċenteżmi

($593.84), biex b'hekk f'erbgħa u għoxrin (24) siegha, kienet għamlet qliegħ ta' tmienja u tletin Dollaru Amerikan u erbgħa u tmenin čenteżmi ($38.84).

Ghalhekk, ispirata b'dan l-ewwel suċċess, il-vittma għamlet kuraġg u investiet ammont ta' Bitcoin li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal tmien mija u ħamsin Dollaru Amerikan ($850.00) u, hawn ukoll, wara biss erbgha u ghoxrin (24) siegħa, irċieviet Bitcoin li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal disa' mija u disa' Dollaru Amerikan u hamsin ċenteżmi ($909.50) biex b'hekk kienet ghamlet qligħ ta' disgħa u ħamsin Dollaru Amerikan u ħamsin ċenteżmi ($59.50).

Il-vittma għamlet investiment ieħor fammont ferm akbar, din id-darba bir-rata ta' għaxra fil- mija (10%) imghax. Investiet Bitcoin li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal elfejn erba' mija u ħmistax-il Dollaru Amerikan ($2,415.00) u f'temp ta' siegħa biss, ircieviet Bitcoin li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal elfejn sitt mija sitta u ħamsin Dollaru Amerikan u wieħed u disghin ċenteżmi ($2,656.91) biex b'hekk għamlet qligh ta' mitejn wiehed u erbghin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmi ($241.91).

Konvinta li kienet sabet minjiera tad-deheb diġitali, il-vittma pproċediet bir-raba' investiment tagħha. Din id-darba, minflok Bitcoin, il-vittma riedet tagħhmel investiment ta' muniti virtwali oħra fuq l- Ethereum Blockchain, f'ammont li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal elfejn sitt mija ħamsa u tmenin Dollaru Amerikan ($2,685.00). Ftit wara li għamlet dan

is-suppost investiment, il-vittma skopriet li, minflok, ittiehdilha ammont ta' Ethereum li dak iż-żmien kien ekwivalenti għal ħamest'elef tliet mija u sebgħin Dollaru Amerikan ($5,370.00), cioè d-doppju ta' dak li xtaqet tinvesti.

Il-vittma immedjatament ikkuntattjat l-amministrazzjoni tal-*website*, iżda ġiet infurmata li t-tort kien tagħha għaliex, skond l-istess amministrazzjoni, il-vittma kienet għafset darbtejn fuq il-*website* u għalhekk saru żewg investimenti separati tal-istess ammont. Apparti minn hekk, kienet mgharrfa li meta jsir investiment, dak huwa finali, u wiehed ma jistax jitlob il-kanċellament tiegħu.

Ghalhekk, il-vittma stenniet bħal ruh fil-Purgatorju ghar-ritorn li issa kien drat li jsir. Din iddarba iżda, ma daħlux flus.

Kien għalhekk li reġgħet staqsiet lill-amministrazzjoni tal-*website* x'gara u kienet infurmata li-minghajr ma kienet taf - hi kienet laħqet "*representative status*" u ghalhekk kien hemm kundizzjonijiet ġodda fir-relazzjoni tagħha mal-*website*. Apparti minn hekk, ġiet mgharrfa li sabiex tirċievi dak li hi kienet iddepożitat, kellha tiddepożita somma addizzjonali ta' tlett elef Dollaru Amerikan ($3,000). Il-vittma ma aċċettatx dan, u wara li ilmentat mis-sitwazzjoni, l- amministrazzjoni tal-*website* offriet li tirriduċi d-depożitu rikjest għas-somma ta' elfejn Dollaru Amerikan ($2,000.00) u sussegwentement, ghal elf Dollaru Amerikan ($1,000.00). Kien propju f'dan il-punt li l-vittma rrealizzat li kienet ġiet iffrodata u għalhekk marret taghmel ir-rapport tagħha.

Il-Pulizija bdiet tinvestiga l-każ, partikolarment il-*website* in kwistjoni. Irriżulta li l-*website* kienet inħolqot biss madwar tliet xhur qabel, bid-*domain* jigi registrat għal sena biss; indikazzjoni li min holoq il-*website* ma kellux intenzjoni li jżommha fit-tul. Kien hemm diversi fatturi oħra li qanqlu s-suspett fl-investigaturi: il-code tal-website kien bażiku hafna, in-numru ta' klijenti indikat kien wieħed *hard-coded* u mhux dinamiku bħal ma kienu s-suppost depożiti u *withdrawals*, u l-website kienet tgħid li kienet ilha teżisti ghal aktar minn sena meta kjarament ma kienitx.

Għalhekk, kien ċar li din il-*website* kellha għanijiet frawdolenti bl-intiża ċara li tqarraq minn persuni mhux daqstant teknoloġikament kompetenti.

Sussegwentement saret analiżi fuq iż-żewġ Blockchains identifikati li fuqhom seħħew ittrasferimenti relattivi u cioè fuq l-Ethereum Blockchain u l-Bitcoin Blockchain. Fl-analiżi tal-Puliżija fir-rigward tal-Ethereum Blockchain, il-malviventi ma setgħux jiġu rintraċċati. Min-naha l-oħra fl-analiżi fuq l-Bitcoin Blockchain, il-Pulizija identifikaw indirizzi tal-munita virtwali Bitcoin ta' interess illi kienu esposti u konnessi mal-malviventi illi kienu amminstraw din il-frodi fuq is-sit surreferit ta' www.bitpaxosglobal.com. Bl-intiża sabiex tiġi maghrufa l- identità tal-utent jew utenti tal-indirizz suspettat, il-Pulizija irrikorriet għall-għajnuna tal-*Exchange* Virtwali Binance illi pprovdiet lill-Pulizija d-dokumentazzjoni tal-*Know Your Client* (KYC) relattiv fejn giet żvelata l-identità tal-utent suspettat.

Fis-7 ta' Lulju, 2022, Binance nnutat attività suspettuża mill-kont inkwistjoni, u għħalhekk il-kont ta' dan is-suspettat ma' Binance ġie ffriżat. Binance eventwalment infurmat lill-Pulizija li l-kont in kwistjoni kellu numru ta' muniti virtwali li globalment dak iż-żmien kienu jammontaw għal tmint'elef tmien mija ħamsa u tletin Ewro (€8,835.00).

Ittri rogatorji ġew mibgħuta lin-Niġerja peress li l-*IP* addresses ta' interess fl-investigazzjoni huma reġistrati n-Niġerja. Sal-lum iżda, ma kien hemm ebda risposta għal dawn l-ittri rogatorji.

L-utent tal-kont sopraċitat u ċioè s-suspettat, ċertu Sulaiman Bolaji Ayoola, ikkuntattja lil Binance ghaliex ried ikun jaf għala l-kont tiegħu kien gie ffriżat. Binance dderiġietu jikkuntattja lill-Pulizija Maltija. Ayoola għamel hekk, u permezz ta' *e-mail* saħaq li hu kien biss negozjant *(trader)* ta' muniti virtwali. Il-Pulizija wieġbitu u nfurmatu li hu kien suspettat, u kien għalhekk li ngħata kopja diġitali tad-drittijiet tiegħu apparti *Microsoft Excel sheets* tat-transazzjonijiet li 1-Pulizija kienet qed tinvestiga.

Ayoola reġa' kkuntattja lill-Pulizija u pprovda *screenshots* in sostenn tal-argument tiegħu li hu kien sempliċiment negozjant innoċenti. Madankollu iżda, l-*screenshots* in kwistjoni juru biss partijiet miċ-*chats*, il-kontenut innifsu fihom ma jreġġix u apparti minn hekk, hemm suspett qawwi li l-*screenshots* gew modifikati.

Fit-18 ta' Settembru, 2022, Il-Pulizija reġghet baghtet id-domandi tagħha u infurmat lill-persuna suspettata li fin-nuqqas ta' spjegazzjoni kredibbli, hu xorta waħda kien ser jibqa' susspettat li kkommetta frodi u ħasil ta' flus.

Fis-6 ta' Marzu, 2023, Ayoola wieġeb, u sempliċiment qal li dak li hu kien wera kien biżżejjed u li hu ma kien involut febda frodi.

**Premessi u Talbiet**

1. L-Artikolu 43 et sequitur tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw il-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna. Konfiska skond dan l-artikolu tista' ssir meta fil-ġudizzju tal-Avukat Generali, ma huwiex meħtieġ jew ma huwiex xieraq li tiġi rkuprata proprjetà partikolari permezz ta' konfiska wara kundanna fi prosekuzzjoni kriminali. Din l-azzjoni iżda tista' tibda biss fejn l-awtur huwa maħrub jew ma jkunx f'Malta, huwa mejjet, jew imut qabel il-konklużjoni ta' proċeduri kriminali. Proprjetà soġġetta għall-konfiska hi proprjetà li tkun r-rikavat ta' wahda mill-kategoriji ta' reati msemmija fl-Artikolu 43(2).

2. *Ai termini* tal-Artikolu 44(2), azzjoni ta' din ix-xora hi azzjoni in *rem*, immexxija kontra l-oggett soġġett ghall-konfiska.

3. Ir-rekwiżiti kollha sabiex din l-azzjoni titmexxa jinsabu sodisfatti.

4. Din l-azzjoni nbdiet wara direzzjoni tal-Avukat Generali li abbażi taċ-ċirkostanzi deskritti f'dan ir-rikors u li ser jiġu spjegati matul dawn il-proċeduri, ma huwiex xieraq li I-proprjetà in kwistjoni tiġi kkonfiskata wara kundanna fi prosekuzzjoni kriminali, u ghalhekk ghandha tintuża' din il-proċedura.

5. Is-suspettat, Sulaiman Bolaji Ayoola, ma huwiex f'Malta u skond informazzjoni mogħtija lill- *Exchange* Virtwali Binance mis-suspettat innifsu, l-istess suspettat joqghod fin-Nigerja. Għalkemm l-awtoritajiet Maltin għamlu kuntatt permezz ta' ittri rogatorji mal-awtoritajiet Niġerjani, ma rċevew ebda twegiba.

6. Il-proprjetà in kwistjoni ġiet akkwistata permezz ta' frodi. Il-metodu ta' akkwist, trasferimenti, u l-pussess tal-oġġett in kwistjoni jinkwadraw fit-tifsira ta' *money laundering* kif deskritta fil-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, I-oġġett jikkostitwixxi rikavat soġġett għall-konfiska *ai termini* tal-Artikolu 43(2)(b) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. *Ai termini* tal-Artikolu 44 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal- Irkupru tal-Assi) hija kompetenti sabiex tisma' u tiddedermina dan il-każ in eżami fir- rigward tal-proprjetà soġġetta għall-konfiska hawn fuq msemmija ladarba r-reat illi ta lok għall-

konfiska, u cioè l-frodi u *money laundering* hawn fuq imsemmi, ġew ikkunsmati f'Malta.

8. Finalment, l-azzjoni qed titmexxa kontra l-oggett u l-kontenut tiegħu.

Ghaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-kont bil-User ID *35650310* amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinsab fl-istess kont huma proprjetà suġġetti għall-konfiska u

2. Tordna li l-kont bil-User ID *35650310* amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinsab fl-istess kont jigu trasferiti lill-Gvern ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Rat illi minkejja notifika bil-procedura tal-pubblikazzjoni hadd ma resaq sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Semghet xhud bil-gurament;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**:

1. Illi din hija procedura in forza tat-Taqsima VI tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta liema azzjoni hija wahda *in rem*, fit-termini tal-artikolu 44, jigifieri kontra l-oggett li f'dan il-kaz huwa kont bankarju. Dan il-procediment jikkontempla konfiska tal-oggett minghjar ma jkun precedut b'kundanna. L-artikolu 43 jikkontempa hekk:

**43. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), din it-Taqsima tistabbilixxi miżuri preventivi li jikkonsistu f'konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna maħsuba biex jipprovdu għall-irkupru ta' proprjetà soġġetta għal konfiska f'sitwazzjonijiet fejn, fil-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, ma huwiex meħtieġ jew aħjar ma huwiex xieraq li tiġi rkuprata dik il-proprjetà permezz ta' konfiska bbażata fuq kundanna fi prosekuzzjoni kriminali, u dan f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**(a) fejn l-awtur jaħrab jew ma jkunx f'Malta;**
**(b) fejn l-awtur huwa mejjet; jew**
**(ċ) fejn l-awtur imut qabel il-konklużjoni ta' proċeduri kriminali**

**Fatti:**

2. Il-wara rapport minn persuna li allega li huwa vittma ta' frodi ta' munita virtwali, minn verifiki li ghamlet il-Pulizija ta' Malta, wasslet sabie tidentifika il-kont intimat bhala dak uzat ghall-allegata frodi liema kont huwa amministrat virtwalment mill-*Exchange* virtwali, ossia *blockchain service provider*, Binance. Din tal-ahhar ffrizat il-*wallet*, ossia l-kont, wara li saru rapprezentazzjonijiet mill-istess Pulizija. In-

narrattiva emergenti mir-rikors promutur u hawn riprodotta hija cara u ma tarax li hemm htiega li tkun ripetuta f'din il-gabra ta' fatti ghajr illi meta l-kont kien hekk ffrizat, persuna barranija u allegatament residenti n-Nigerja, bl-isem ta' Sulaiman Bolaji Ayoola, ghamlet kuntatt sia ma' Binanace kif ukoll mal-Pulizija sabiex tindaga ghaliex il-kont kien ffrizat u sabiex dan ikun mehlus;

**Notifika:**

3. Minkejja li Sulaiman Bolaji Ayoola ghamel kuntatt mal-Pulzija permezz ta' email fejn allega li l-kont jappartjeni lilu, huwa qatt ma provda indirizz fejn jista' jkun notifikat bil-procedura odjerna fit-termini tal-artikolu 48(1)(a) u ghalhekk il-Qorti ordnat li ssir il-pubblikazzjoni debita fit-termini tal-artikolu 48(1)(b). Minkejja n-notifika permezz tal-pubblikazzjoni ma deher l-ebda "intervenut" sabiex jikkontesta l-konfiska u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddisponi minn din il-kawza fuq il-fatti migjuba quddiemha;

**Mertu:**

4. Illi, kif gia osservat *supra* it-talba in disamina originat minn suspett ta' frodi fejn l-allegat vittma kien indott jinvesti fi skema li minnufih, f'temp ta' erbgha u ghoxrin siegha, bdiet tirrendilu *return* qawwi. Gara illi aktar ma kellu introjtu tajjeb u ta malajr, aktar beda jinvesti b'dan illi fl-ahhar investiment tieghu, l-iskeda gibtitlu d-doppju tal-ammont li ried jinvesti u meta talab ghar-

rifuzzjoni kien mitlub jivversa somma ohra fejn allura intebah li din kien skema ta' frodu u ghalhekk ressaq id-denunzja tieghu lill-Pulizija;

5. Illi dan wahdu gia fuq bazi *prima facie* huwa sintomatiku ta' haga li mhix regolari. Meta, izda, Ayoola ghamel kuntatt mal-Pulizija, sabiex jistaqsi ghaliex kien frrizat il-wallet tieghu, huwa intalab iwiegeb diversi mistoqsijiet komunement marbuta mal-*Know Your Client Principle* izda qatt ma ta ebda informazzjoni ghajr li dejjem jilmenta li dawk il-flus huma tieghu u ghandu bzonnhom sabiex jaghti kura lill-ommu.[1]

6. Issa minkejja li l-artikolu 48 (5) jippreskrivi illi jekk ma jersaq l-ebda "intervenut", l-Qorti ghandha tordna l-konfiska, l-Qorti xorta wahda ezaminat d-dokumenti kollha mressaqa sabiex kemm jista' jkun taccerta ruhha li ma jkun hemm ebda hjiel ta' xi malintiza essendo kont virtwali li wara kollox jista' jkun lecitu u in buona fede. Minn dawn id-dokumenti u mir-rapport originali maghmul lil Pulizija, l-fatti huma konsoni ma prattika illecita fejn l-awtur tal-kont virtwali qed jirrifjuta li jaghti l-informazzjoni mehtiega b'mod partikolari dwar il-provenjenza tal-fondi;

7. Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-Gvern wettaq l-oneru tieghu li l-kont in kwistjoni hu soggett ghall-konfiska;

**Decide:**

[1] Ara Dok BZ1 sa BZ7

**Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara li l-kont bil-*User ID* 35650310 amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinsab fl-istess kont huma proprjeta' suggetti ghall-konfiska; u**
2. **Tordna li l-kont bil-*User ID* 35650310 amministrat mill-*Exchange* Virtwali Binance u kull munita virtwali li tinsab fl-istess kont jkunu trasferiti lil-Gvern ta' Malta**
3. **Bl-ispejjez kontra l-kont.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur